32003D0393

L 135/31 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA* 3.6.2003

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI
tat-22 ta' Mejju 2003
li temenda d-Deċiżjoni 2000/728,LE li tistabbilixxi l-applikazzjoni u l-miżati annwali ta' l-eko-tikketta Komunitarja

(innotifikata fid-dokument bin-numru K(2003) 1780)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2003/393/KE)

IL-KUMMISJONI TAL-KOMUNITAJIET EWRPOPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1980/2000 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Lulju 2000 dwar skema rriveduta tal-għotja tal-eko-tikketta Komunitarja [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 12 u l-Anness V tiegħu,

Billi:

(1) Skond il-pjan tax-xogħol stabbilit bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2002/18/KE [2] il-binja tal-miżati għall-eko-tikketta Komunitarja għandha toffri inċentiv approprjat sabiex tinkoraġġixxi l-użu tat-tikketti kemm taħt l-iskema Komunitarja u kemm taħt skemi oħra tal-għoti ta' l-eko-tikketti.

(2) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2000/728/KE tal-10 ta' Novembru 2000 li tistabbilixxi l-applikazzjoni u l-miżati annwali ta' l-eko-tikketta Komunitarja [3] għandha għalhekk tiġi emendata sabiex trippermetti tnaqqis għall-prodotti li ġew mogħtija wkoll eko-tikketta oħra li tikkonforma mal-ħtiġiet ġenerali ta' l-*ISO 14024*.

(3) Il-miżuri provvduti f'din id-Deċiżjoni huma skond l-opinjoni tal-Kumitat istitwit fl-Artikolu 17 tar-Regolament (KEE) Nru 1980/2000,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Fl-Artikolu 2 tad-Deċiżjoni 2000/728/KE, jiddaħħal il-paragrafu 8a li ġej:

"8a. Il-korpi kompetenti jistgħu jikkonċedu tnaqqis sa 30 % meta l-prodott fil-kwistjoni jkun ġie mogħti wkoll ek-tikketta oħra li tikkonforma mal-ħtiġiet ġenerali ta' l-OSI *14024*."

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri u lill-korpi kompetenti ta' l-eko-tikketta Komunitarja.

Magħmula fi Brussel, fit-22 ta' Mejju 2003.

Għall-Kummissjoni

Margot WALLSTRÖM

Membru tal-Kummissjoni

---

[1] ĠU L 237, ta' l-21.8.1991, p. 1.
[2] ĠU L 7, ta' l-11.1.02, p. 28.
[3] ĠU L 293, tat-22.11.2000, p. 18.